

Il-Korteo, immexxi mill-Victoria Scout Group fi triqtu lejn il-Kumpless Sportiv

# Ċelebrazzjoni ta' Kristu Re

Iċ-ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re ġewwa Għawdex, li saret il-Ħadd 25 ta' Novembru, kellha t-tema '*Mort, inħsilt, u ġejt nara* (Ġwann 9, 11) *Permezz ta' din it-tema, id-Djoċesi riedet tagħmel enfasi fuq is-Sagrament tal-Magħmudija, li qed jakkumpanja l-mixja liturġika tal-Knisja f'Għawdex matul din is-sena.*

Iċ-ċelebrazzjoni kienet maqsuma f'żewġ partijiet.

L-ewwel parti saret fi Pjazza Indipendenza Victoria fejn il-kappillani tal-parroċċi ta' Għawdex poġġew bukkett fjuri f'riġlejn il-monument ta' Kristu Sultan. Wara talba qasira, poplu u kleru imxew flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech, f'korteo lejn il-Kumpless Sportiv fejn saret it-tieni parti taċ-ċelebrazzjoni. Hawnhekk il-programm kien maqsum f'erba' taqsimiet. Sakemm inġabru n-nies f'posthom, intweriet is-silta tal-magħmudija ta' Ġesù fuq erba' *screens*, silta meħuda mill-film klassiku *Jesus of Nazareth*. Wara ddaħħal is-salib minn 12-il adoloxxent li tpoġġa f'post ċentrali fin-nofs tal-Kumpless Sportiv. Saret ġabra għall-Karità billi d-Djoċesi ċċelebrat dan il-jum f'din il-ġurnata. Waqt l-akkoljenza tas-salib tkanta l-innu *Għal għonq it-Triq*.

It-Tieni taqsima kienet il-liturġija tal-kelma. Waqt l-ingress ta' l-Evanġeljarju tkanta l-innu *Jiena magħkom sat-Tmiem*. L-Evanġeljarju tpoġġa fuq l-ambone. Is-silta mill-Evanġelju nqrat minn Mons. Karm Hili, silta mill-evanġelju ta' San Ġwann relatata mat-tema magħżula.

Ingħatat esperjenza mill-Koppja Muscat li qed tagħmel mixja ta' fidi marbuta mal-Kelma t'Alla.



Mons. Karm Hili mix-Xagħra, jidher jaqra silta mill-evanġelju ta' San Ġwann

Il-Koppja, Benny min-Nadur li hu Kaptan mal-linja ta' l-ajru *Air Malta* u martu Helen mix-Xagħra, li hi għalliema. Preżenti flimkien ma' uliedhom Joseph ta' tnax-il sena, Jeremy ta' disa' snin, Marika ta' tmien snin u Michela ta' erba' snin, il-koppja saħqet fuq il-ħtieġa li l-familji għandhom jsibu ħin fil-ġimgħa biex jinbnew spiritwalment. Dan jistgħu jagħmluh billi flimkien mat-tfal jattendu xi laqgħa ta' talb.

Matul din iċ-ċelebrazzjoni, Mons Isqof Mario Grech għamel diskors ta' l-okkażjoni dwar il-ħtieġa ta' twelid spiritwali ġdid.

Mons. Isqof qal illi "…fid-dawl tas-silta ta' l-Evanġelju li tħabbrilna, fejn rajna lil Kristu jfejjaq lil raġel agħma mit-twelid (Ġw 9,1-11), nibża' li bħal dak ir-raġel agħma – u allura nieqes mill-viżjoni, anke aħna jkollna waqtiet fejn tonqosna l-viżjoni. Meta ngħid "aħna", qed nirreferi għalina individwalment, għall-familji tagħna kif ukoll għas-soċjetà tagħna – għaliex ġaladarba aħna parti mis-soċjetà din ukoll tinteressana u nittama llum ħadd ma jgħidilna li għax aħna segwaċi ta' Kristu m'għandniex dritt nesprimu opinjoni jew ġudizzju fuq l-andament tas-soċjetà! Meta ngħid "aħna" nirreferi wkoll għall-komunità nisranija. Xi drabi nibża' li l-viżjoni tagħna hija mijopika, ma tħarisx lejn il-futur. U allura nħoss li bħalma ġara lil dan l-agħma ta' l-Evanġelju, aħna għandna bżonn nitwieldu mill-ġdid biex nitwieldu b'din l-abilità li naraw u tassew ikollna viżjoni għalina u għall-oħrajn."

Mons. Isqof temm id-diskors tiegħu billi ħeġġeġ lill-kappillani, biex flimkien mal-kunsilli parrokkjali u mal-kummissjoni familja, jaraw x'jistgħu jagħmlu biex matul din is-sena jsaħħu r-rabtiet bejn il-parroċċa u l-familja.

It-Tielet Taqsima taċ-ċelebrazzjoni kienet il-liturġija tal-magħmudija. Il-familji li għammdu jew li ser jgħammdu din is-sena ġew mistiedna joqogħdu madwar il-battisteru armat apposta għall-okkażjoni. Kien hemm numru sabiħ ta' familji li laqgħu din is-sejħa. Dan jorbot ma' l-ittra li l-E.T. Monsinjur Isqof Mario Grech bagħat lill-familji Għawdxin kollha bit-tema Il-Familja skola ta' kull virtù u li fiha, fost oħrajn, stieden lil dawn il-familji biex jieħdu sehem fil-manisfestazzjoni ta' Kristu Re. Flimkien mal-miġemgħa, ġeddew l-wegħdiet tal-magħmudija. It-tberik tal-pubbliku miġbur fil-kumpless sportiv sar mill-kappillani li ħadu l-ilma mill-fonti u libsu stola bajda qabel ma bierku lill-poplu. Il-kant *Baptised in water, sealed by the Spirit* akkumpanja dan il-mument.

Mons. Isqof Grech imbagħad għadda sabiex ta l-Benedizzjoni Ewkaristika u wara flimkien mal-pubbliku qara t-talba ta' radd il-ħajr (Kantiku ta' San Ġorġ Preca). Fost il-kant ta' *Laudate omnes gentes* l-Ewkaristija ittieħdet lura b'purċissjoni.

Wara, Mons. Isqof Grech għadda biex qassam għotjiet ta' flus lill-istituzzjonijiet ta' karità, somma ta' Lm5800. B'kollox, f'Jum il-Karità tas-sena 2006, mid-Djoċesi t'Għawdex, inġabret is-somma ta' Lm9,400, li minnhom Lm3,600 ingħataw lill-familji fil-bżonn.

Kor taż-żgħażagħ kien immexxi minn Dorienne Portelli flimkien ma' orkestra taħt id-direzzjoni ta' Ivan Farrugia għenu ħafna lill-kongregazzjoni sabiex tipparteċipa bissħiħ fil-kant kontinwu ta' l-innijiet.

Il-preżentatur fil-Kumpless Sportiv kien is-Seminarista Joseph Curmi.

Iċ-ċelebrazzjoni għalqet bil-kant ta' l-innu Sliem għalik Sultana.



Melanie Gatt, akkumpanjata minn Pauline Said, tidher tirċievi għotja ta' flus għal Arka Respite Centre, f'Għajnsielem, dar għal dawk il-persuni bi bżonnijiet speċjali

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Il-familja ta' Michael u Josephine Sacco minn Victoria b'binthom Mariana ta' 4 xhur u binhom Karl ta' 6 snin, jidhru jitkellmu ma' Mons. Isqof Mario Grech waqt il-festa ta' Kristu Sultan.



Il-Koppja Muscat tagħti l-esperjenza tagħha ta' fidi.



Mons. Isqof Mario Grech jidher jitkellem mal-familja ta' Joe Louis u Victoria Sciberras b'uliedhom Etienne ta' 5 snin u Jerome' ta' 6 xhur

Café VALLETTA

Licenced Restaurant

12-14 O'Connell Street Sydney
Ph: (02) 9235 0455 Fx: (02) 9235 0466

Trading: 6.30am to 4.00pm
Monday to Friday except Public Holidays

Varied Menus for Eat-in, Take-away, Corporate Catering and Private Functions

Private functions for groups of 20 up to 60 persons featuring typical Maltese food may be pre-booked 7 nights a week and at lunchtime on Saturdays, Sundays and Public Holidays.

Cafè Valletta - Joe and Miriam Portelli Sponsor of Gozo Page